



Brussell, 7 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14189/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0271(NLE)

SCH-EVAL 142
ENFOPOL 532
FRONT 401
MIGR 328
SIRIS 96
COMIX 502

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tal- Lussemburgu dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- ġestjoni tal-fruntieri esterni, ritorn ,is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, kooperazzjoni tal-pulizija

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-Lussemburgu dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ritorn ,is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, kooperazzjoni tal-pulizija fl-2021.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Lussemburgu japplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ritorn ,is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, kooperazzjoni tal-pulizija.

3. Mill-1 ta' Ottubru 2022, japplika r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen¹. Skont l-Artikolu 31(3) ta' dak ir-Regolament, għall-evalwazzjonijiet imwettqa qabel l-1 ta' Frar 2023, l-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet għandha titwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1053/2013.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fis-26 ta' Ottubru 2022.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14196/22, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.

¹ *ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1–27*